## NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 - IT-TLIETA 25 TA' MEJJU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:52pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-8:05pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

### 1. DEĊIŻJONI DWAR IT-TUL TAL-LAQGĦA U KOMUNIKAZZJONIJIET DWAR ASSENZI

1.1. Kien hemm qbil li għandu jsir tentattiv biex il-laqgħa tintemm bejn wieħed u ieħor fit-8:30pm minħabba impenji li kellhom xi Kunsillieri.

1.2. F'dan il-ħin il-Kunsillier Brincat semma' li, minħabba li se jibda jinzerta ħamest ijiem fix-xahar (lejn l-aħħar tax-xahar) fuq xogħol barra l-pajjiż talab li l-frekwenza tal-laqgħat titnaqqas u tkun stabbilita lejn il-bidu tax-xahar. Madanakollu kien hemm qbil li għandu jkun hemm ftehim ma' tmiem ta' kull laqgħa biex ma titnaqqasx il-frekwenza tal-laqgħat.

### 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra u japprova l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

2.2. Fuq proposta tal-Kunsillier Miceli kien hemm qbil li s-sentenza f'para. 8.2 titkompla bil-kliem '*filwaqt li l-Kunsillier Miceli infurmat li ma tistax tattendi.'* filwaqt li l-paragrafu 8.3 jinqata'.

2.3. Il-Kunsillier Galea staqsa dwar x'sar mid-deċiżjoni ta' Triq l-Ifran fejn is-SE informa li l-proċess ma' TM inbeda.

2.4. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-8:05pm.

2.5. Il-minuti imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku semmiet l-idea li l-Kunsill jifforma Federazzjoni tal-Għaqdiet Naxxarin biex ikun hemm kordinazzjoni akbar bejn l-istess għaqdiet. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea u għalhekk għandha ssir nota lill-għaqdiet kollha dwar dan.

3.2. Is-SE informa li l-kawża CSD kontra l-Kunsill dwar pagamenti dovuti mill-Kunsill intrebħet minn CSD bi tnaqqis ta' 5% mit-total. Madanakollu d-deċiżjoni qed tiġi appellata.

3.3. Is-SE informa wkoll li sar rikors kontra l-Kunsill minħabba trejqa bejn Triq Newman u Triq il-Kappella tax-Xagħra li s-Sinjuri Anastasi mis-Swieqi qed jallegaw li ttieħditilhom. Dan naturalment qed ikun ikkontestat permezz ta' risposta għal dan ir-rikors li, minħabba li ġie ppreżentat fil-Prim Awla l-ispejjeż għar-risposta jlaħħqu s-somma ta' €1,059.

**4. RAPPORT FINANZJARJU VERIFIKAT**

4.1. Is-SE informa li kellu l-intenzjoni jressaq ir-rapport finanzjarju verifikat għaliex qed jantiċipa tibdil sostanzjali wara li jsiru l-aġġustamenti iżda dan għadu ma wasalx minħabba li l-Awdituri kienu għadhom ma bagħtux l-aġġustamenti.

**5. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' ĦLASIJIET**

5.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' pagamenti pendenti. Il-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu ħlief li fil-każ tal-pagamenti għal Char Construction għandhom ikunu verifikati sew qabel ma jitħallsu. Il-lista hija annessa f'A.

**6. L-ATTIVITÀ 'L-ISTORJA TMEXXI S-SENGĦA'**

6.1. Is-Sindku bdiet tagħti rendikont tal-ħidma li kienet għaddejja fuq l-attività tal-20 ta' Ġunju.

6.2. Hija semmiet li l-kienet waslet f'arranġament ma' Palazzo Parisio biex jinvolvi liż-żewġ baned u jħallashom €350 kull banda. Il-Kunsillier Galea semma li jista' jkun hemm problema fuq it-tul ta' ħin għax huma xtaqu li jagħmlu siegħa biss. Is-Sindku saħqet li dan ma kienx aċċettabbli u għalhekk jeħtieġ biex jiddiskutu u joħorġu bi programm ta' ħin aħjar.

6.3. Is-Sindku, bl-għajnuna tal-Kunsillier Sammut, kompliet tat elenku tal-attivitajiet li se jkun hemm u li jinkludu wirja ta' mudelli tal-mejjet Joseph Gauci, nases tas-sajd, diversi snajjiet inkluż xogħol tal-qasab, fuħħar, newl, bizzilla u filugranu. Kien hemm qbil ukoll li jinġiebu l-Inguardia li se jiswew lill-Kunsill is-somma ta' €472 (20 membru se jkunu sponsorjati minn MTA u 16 jitħallsu). Il-Kunsill qabel ukoll li jinġiebu l-Astra Folk Group għall-prezz ta' €400 + trasport miċ-Ċirkewwa u lura kif ukoll li jġib seba' karettuni armati b'attrezzar ta' xogħol tradizzjonali għall-prezz ta' €600.

6.4. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsillier Galea kellu jipprepara wkoll l-iscript għar-*re-enactment.*

**7. ĠEMELLAĠĠ MA' MORNAGO**

7.1. Is-SE informa li erbat ijiem qabel kien infurmat li l-applikazzjoni għall-ġemellaġġ ma' Mornago, li saret bl-għajnuna ta' MEUSAC, kienet ġiet approvata u għalhekk il-Kunsill se jkun qiegħed jingħata €11,236 għal dan. Is-SE informa li dawn il-fondi mhux se jkunu biżżejjed għall-attivitajiet kollha iżda l-Kunsill seta' japplika għall-ko-finanzjament mill-Gvern Ċentrali.

7.2. Is-SE appella lill-Kunsill biex eventwalment jaħtar sottokumitat ħalli jieħu ħsieb l-organizzazzjoni taż-żjara.

## 8. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

8.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 15 ta' Ġunju fis-7:30pm. Il-ħin kien id-9pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv